MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 162/2004

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Moira Formosa (ID 174673M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avvizipprezentat mis-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm461.78c) rapprezentanti kont ghall-servizz tat-telefon numru 21806276 bejn Gunju 1996 u Awissu 2001.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha eccepiet li t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenuta stante li mhux minnu li hija ghamlet it-telefonati li ghalihom qed jintalab il-hlas billi s-servizz tnehha mill-1999.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ingrid Zammit Young, Joe Cuschieri u tal-konvenuta.

**Ikkunsidra**

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata hija dik kwinkwennjali.

Illi l-konvenuta hija s-*subscriber* irregistrata fuq in-numru tat-telefon in kwisjtoni kif jidher mid-dokument a fol 3 tal-process. Jirrizulta mill-provi illi f’Ottubru 1996 il-konvenuta rceviet kont tat-telefon ta’ mitejn u tnejn u tletin lira Maltin (Lm232) u hija marret taghmel ilment mas-socjeta’ attrici. Minn stharrig ulterjuri nstab illi dan il-kont kien jirrifletti telefonati *overseas* u l-konvenuta sostniet illi qatt m’ghamlet telefonati *overseas*. Wara l-ilment taghha l-kaz gie nvestigat u sadanittant gie barjat in-numru ‘0’ u aktar tard is-servizz taghha gie ristrett ghall-*receiving only* sakemm eventwalment il-linja giet maqtugha.

Minn indagni li sar mill-Bord ta’ l-Appelli dwar il-kontijiet l-ilment tal-konvenuta gie michud u dan billi l-Bord kien gie nfurmat illi waqt konverzazzjoni bit-telefon is-*subscriber* ammettiet li kellha *cordless telephone* nstallat fid-dar taghha fiz-zmien ikkontestat u f’dan il-kaz billi s-*subscriber* hija responsabbli ghall-*international calls* m’accettawx l-ilment taghha.

It-Tribunal kellu l-okkazjoni biex jisma’ lill-konvenuta bil-gurament li cahdet b’mod kategoriku li hija qatt kellha *cordless telephone*. Hija cahdet ukoll li qatt ghamlet *adult entertaining calls*. Huwa evidenti illi l-informazzjoni li nghatat lill-Bord ta’ l-Appelli fuq imsemmi kienet zbaljata. Il-Bord ta’ l-Appelli kien ipprova jivverifika din l-informazzjoni u fil-fatt gie nfurmat illi l-konvenuta kellha telefon tat-tip differenti – kif fil-fatt minnha ammess – izda dan it-telefon ta’ tip differenti ma kienx *cordless* izda kien telefon bil-*cable*.

Dan kollu premess, it-Tribunal jidhirlu illi fl-ewwel lok m’hemmx dubju illi t-telefonati in kwistjoni saru fuq il-linja ta’ servizz moghti lill-konvenuta. Inoltre, l-kawza giet

ipprezentata fit-22 ta' Jannar, 2004 mentri l-kontijiet mertu tal-kawza jmorru lura sal-1996 u certament, uhud minnhom, ferm oltre l-perjodu ta' hames snin preskrizzjoni konsentit mil-ligi f'dawn it-tip ta' kazijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal jista' jmur lura biss sat-22 ta' Jannar, 1999 u milli jidher minn dak iz-zmien 'il quddiem ma kien hemm ebda kontijiet u dan stante kif jidher mid-dokument a fol 2 tal-process, kull kont li hareg wara dakinhar gie *reversed* fil-31 ta' Marzu, 2002 – presumibilment billi l-linja in kwistjoni kienet giet maqtugha. Ma giet prodotta l-ebda prova li kien hemm xi nterruzzjoni jew xi ammissjoni da parti tal-konvenuta ghall-kontijiet in kwistjoni u konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghda tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ecccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, qieghed jichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------